Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2006

Numru. 254/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**ADAM DANIEL DEBRINCAT bin Peter u Salvina nee' Borg, imwieled fil-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 1988 u residenti 'True Blue', Triq San Blas, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 13999M.**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **ADAM DANIEL DEBRINCAT** bin Peter u Salvina nee' Borg, imwieled fil-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 1988 u residenti 'True Blue', Triq San Blas, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 13999M

gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fl-ghoxrin [20] ta’ Frar, 2006 ghal habta tad-disgha ta’ filghaxija f’Qala Road, limiti tal-Qala, Ghawdex saq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni FAU-021 Honda 70cc;

1. minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-Awtorita’ dwar it-trasport jew Awtorita’ Kompetenti;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assikurazzjoni skond id-dispozizzjonijiet tal-ligijiet ta’ Malta;

3. Talli saq l-imsemmija vettura minghajr dwal fuq quddiem u wara.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija li tordna li l-imputat jigi skwalifikat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ zmien li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghal akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu kif jirrizulta minn dak verbalizzat fis-seduta ta' nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Lulju 2006.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

**Ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 15(1)(2) tal-Kap 65 u l-artikolu 3(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputat ADAM DANIEL DEBRINCAT hati tal-akkuzi kollha kif migjuba fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal hlas ta’ multa**

**komplessiva ta' hamsin lira maltin, stante li fil-mument tal-kommissjoni tar-reat, l-imputat kien ghadu minorenni.**

**Oltre dan tordna l-iskwalifika tal-licenzja tal-imputat ghal perjodu ta' sena mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------